

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
 3) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess.

(¹) ĠU C 399, 25.11.2019.

**Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Diċembru 2020 – Ace of spades vs EUIPO – Krupp u Borrmann
 (JC JEAN CALL Champagne PRESTIGE)**

(Kawża T-622/19) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali JC JEAN CALL Champagne PRESTIGE – Trade marks tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali preċedenti – Raġunijiet relativi ta’ rifiut – Xebħi tas-sinjal – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Assenza ta’ ħsara għar-reputazzjoni – Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament 2017/1001”)

(2021/C 35/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ace of spades Holdings LLC (New York, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentant: A. Gómez López, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguinal, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Gerhard Ernst Krupp (München, il-Ġermanja), Elmar Borrmann (Reith, l-Awstrija)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Ġunju 2019 (Każ R 3/2019-5), dwar proċeduri ta’ oppożizzjoni bejn Ace of spades Holdings u G. E. Krupp u E. Borrmann.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-26 ta' Ġunju 2019 (Każ R 2/2019-5) hija annullata, sa fejn ċaħdet l-appell ta’ Ace of spades Holdings LLC u l-oppożizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
 3) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess.

(¹) ĠU C 399, 25.11.2019.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tad-9 ta' Diċembru 2020 – GV vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-705/19) (¹)

(“Servizz pubbliku – Uffiċċiali – Fastidju psikoloġiku – Talba għal assistenza – Ċaħda tat-talba – Interess tas-servizz – Ekwivalenza tal-pożizzjonijiet – Terminu rāgħonevoli – Assenza ta’ bidu ta’ prova – Responsabbiltà”)

(2021/C 35/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: GV (rappreżentant: B.-H. Vincent, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin, M. Brauhoff u T. Lilamand, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, parjalment, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2019 li tiċħad it-talba għal assistenza tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, sabiex jinkiseb kumpens għad-danni materjali u morali li r-rikorrent kien allegatament issubixxa minħabba din id-deċiżjoni.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) GV għandu jbatisi, minbarra l-ispejjeż rispettivi tiegħi, dawk sostnati mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 413, 9.12.2019.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Diċembru 2020 – Man and Machine vs EUIPO – Bim Freelance (bim ready)

(Kawża T-819/19) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea – Trade mark figurattiva bim ready – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea preċedenti BIM freelance – Raġuni relattiva għal rifjut – Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Limitazzjoni tas-servizzi indikati fl-applikazzjoni għal trade mark”)

(2021/C 35/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Man and Machine Ltd (Thame Oxfordshire, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: R. Peto u C. Neu, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Rampini u V. Ruzek, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Bim Freelance Corp. (Miami, Florida, l-Istati Uniti)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Settembru 2019 (Każ R 317/2019-1) dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Bim Freelance u Man and Machine.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-17 ta' Settembru 2019 (Każ R 317/2019-1) hija annullata.
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 27, 27.1.2020.